MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 461/2003/2

**Rikors Numru: 461/2003/JAB**

**Bonalco Aluminium Ltd**

**vs**

**John Peresso**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fis-16 ta' Mejju 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti:***

*Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija*

*u tlieta u hamsin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm1,853.12) rapprezentanti bilanc mill-konvenut dovut lis-socjeta' attrici ghall-bejgh u konsenja ta' oggetti.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-14 ta' Mejju 2003, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentanta tal-Avviz sad-data tal-eventwali bias, - ilkoll kontro l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.*

*Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 9 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-*

*1. Illi in linea preliminari l-eccipjent mhux il-legittimu kontradittur.*

*2. Illi in linea preliminari l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 2148 (a) (b) tal-Kap16.*

*3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu l-eccipjent mhux debitur tal-attur ghal kwalsiasi prezz kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Bl-ispejjez.*

*Rat <u>is-sentenza</u> moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif diversament presjeduta fis-27 ta' Marzu 2007 (fol 209 et seq ibid) li permezz taghha gew respinti t-tabiet attrici. U dik moghtija mill-Qorti tal-Appell (fol 226 et seq ibid) fit-12 ta' Dicembru 2007 li biha l-atti gew rimandati lura ghat-trattazzjonijiet u decisjoni fuq il-mertu tat-talba attrici fl-ambitu tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenut, wara li, filfatt, giet revokata u mhassra s-sentenza moghtija fil-prim' istanza.*

*Rat l-atti kollha tal-kawza, specjalment in-noti rispettivi tal-partjiet li fihom jew trattati il-punti kollha involuti f'dan il-kaz.*

*Ikkunsidrat*

*Illi, kif di gja gie premess jidher mill-atti, b'mod specjali mill-imsemmija noti, li l-partijiet gabu l-provi dwar l-mertu*

*tal-kaz kif ukoll dwar l-eccezzjonijiet kollha sottomessi mill-konvenut. Ghalhekk, il-Qorti ser tghaddi biex tiddeciedi, dak kollu involut f'dan il-kaz, f'kapitjiet differenti' u separati.*

*Ikkunsidrat*

*Illi, fl-ewwel lok, jinghad fit-tieni eccezzjoni sottomessa mill-konvenut illi din l-azzjoni hi preskritta a tenur tal-artikolu 2148 (a) u b) tal-Kodici Civili fejn jinghad illi l-azzjonijiet tal-persuni hemm specifikati ossija hajjata, skrapan, masturdaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdumu sengha jew arti mekkanika ghall-prezz tal-opri jew tax-xoghlijiet taghhom jew tal-materjal li jfornu kif wkoll ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut, imma preskritti bit-trapass ta' tmintax-il (18) xahar. Dwar din l-eccezzjoni, Rosario Bonnici (fol 49, fol 178 u fol 192 et seq ibid) wiehed mid-diretturi tas-socjeta' attrici xehed li din tbiegh materjal ta' aluminju u accessorji relatati max-xoghol ta' dan il-materjal. In rigward il-konvenut, dan kien ilu jixtri dan il-materjal u accessorji sa minn Jannar 1993 u dwar dan hu esebixxa diversi fatturi u ircevuti li jinsabu a fol 51 sa fol 109 tal-istess atti. Dwar l-ahhar pagament dan kien sar fit-28 ta' Jannar 2002 billi il-konvenut dejjem kien jhallas 'on account' (ara ukoll l-'statement' esebit a fol 181 sa fol 190 tal-atti). Minn dawn il-fatti, l-ewwel nett, ma jidhirx li s-socjeta' attrici tista' b'xi mod tinkwadra ruhha fil-kategoriji ta' persuni elenkati fl-artikolu 2148 (a) kif hawn fuq specifikata. In rigward l-applikazzjoni o meno tas-subinciz (b) tal-istess artiklu ghandu jigi konsiderat, minn din il-Qorti, jekk il-bejgh in ezami kienx wiehed bil-ingrossa jew bl-imnut. Dwar dan jidher li l-Qrati lokali stabbilew l-kriterju distintiv fondamentali tal-bejgh bl-ingrossa jew bl-imnut jinsab fil-kwantitattiv mibiugh (ara 'Adrian Strickland u Anthony Sammut' deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-20 ta' Gunju 1975) ta' sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Gunju 1975 fl-ismijiet 'Carmelo Scerri vs Louis Pace Axiaq, intqal li kienet inbieghet kwantita` ingenti ta' oggetti u ghalhekk il-bejgh kellu jigi konsiderat bhal wiehed bl-ingrossa. F'dan il-kaz li*

*qed jigi deciz, jidher mill-provi illi s-socjeta` attrici kienet bieghet matul perjodu ta' zmien twil u mhux f'daqqa, kwantita` pjuttost konsideravoli tal-materjal imsemmi flimkien ma' accessorji u a bazi tal-kriterju hawn fuq imsemmi, l-istess bejgh ghandu jigi konsiderat bhala wiehed bl-ingrossa u ghalhekk anke l-artikolu 2148 (b) ma hux applikabbli fil-kaz in desamina. Dan premess, ma jidhirx li hemm bzonn li jigi konsiderat dak citat mill-istess socjeta` attrici fin-nota tal-osservazjonijiet sottomessa minnha dwar 'konsum gjornaljar (ara fol. 272 ibid) jew jekk il-prezz kienx bl-ingrossa jew bl-imnut.*

*Ikkunsidrat*

*Illi, fit-tieni lok ser tigi konsiderata l-ewwel eccezzjoni dwar il-kwistjoni tal-legittimu kontradittur, il-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) sentenza taghha moghtija fit-12 ta' Dicembru 2007 (ara fol 226 et seq ibid) di gja kkonsiderat dan il-punt fir-'ratio decidenti' Taghha (ara fol 231 sa fol 233 tal-istess atti). Tenut kont li ma ingiebet ebda prova ulterjuri, wara l-ghoti tal-istess sentenza u quddiem din il-Qorti, dwar l-istess punt in desamina, l-konklusjoni ghandha tkun illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici ghandu jithallas mill-konvenut 'proprio' u mhux f'isem is-socjeta` msemmija mill-konvenut. Dan li ghadu kemm intqal hu rinforzat minn dak li gie deciz f'sentenza ohra moghtija ukoll mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-15 ta' Frar 2006 (fol 250 et seq ibid) liema sentenza kienet kontra l-istess konvenut u martu izda intavolata minn persuni differenti. F'din il-kawza giet sottomessa eccezzjoni bhala dik in desamina (ara fol 256 sa fol 259 ibid). Konsegwentement anke din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.*

*Ikkunsidrat*

*Illi, fit-tielet lok u in rigward l-ahhar eccezzjoni, din tghid biss li eccipjenti... mhux debitur tal-attur ghal kwalsiasi prezz kif ser jirrisulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Jidher evidenti li din l-eccezzjoni hi altament vaga, minghajr ma gew specifikati r-ragunjiiet il-ghala l-konvenut ma hux*

*debitur tas-socjeta' attrici u ghalhekk din l-eccezzjoni, minhabba dan in-nuqqas gravi, qed tigi respinta.*

*Ikkunsidrat*

*Illi, ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta waqt li l-eccezzjonijiet kollha ghandhom jigi respinti.*

*Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1853.12,0 ossija €4,316.61 bl-imghax legali mill-17 ta' Settembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-14 ta' Mejju 2003."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' John Peresso datat 6 ta' Gunju 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` intimata bl-ispejjez kollha ta' kull istanza kontra s-socjeta` attrici.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta' Novembru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` attrici datata 23 ta' Gunju 2011 a fol 10 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-8 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Frank Cassar ghall-appellat, u Dr. Mark Busuttil ghall-appellanti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghas-26 ta' April 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 16 ta' Mejju 2011.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta’ Dicembru 2007 wara s-sentenza tal-Ewwel Istanza datata 27 ta’ Marzu 2007.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji tal-appellanti huma (a) li relazzjoni guridika tas-socjeta’ appellata hija mas-socjeta’ John Peresso Aluminium Limited u mhux mal-appellant personalment; (b) s-socjeta’ attrici halliet iz-zmien jghaddi tort taghha u dan ikompli jikkonferma li skond l-appellant is-socjeta’ appellata ghanda dak li huwa sejjah bhala tmexxija konfuzjonarja liema haga mhux imputabbli lill-konvenut.

Illi dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti thoss li gja gie deciz b’mod definit b’mod finali minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha tat-12 ta’ Dicembru 2007 li r-relazzjoni li kellha s-socjeta’ attrici kienet dik mal-konvenut appellant. Mela allura meta l-atti gew rimandati lill-Ewwel Qorti, dik il-Qorti kellha timxi minn hemm, u fil-fatt hekk sar u gie trattat il-mertu fid-dawl tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut, li lkoll gew michuda. Mela allura dan ifisser li l-appell odjern tal-appellant qed jerga jattakka l-punt li gja gie deciz minn din il-Qorti fis-sentenza citata u ghalhekk certament li din il-Qorti, kif presjeduta ma tistax terga tiftah dan il-punt kif qed jipprova jaghmel l-appellant b’mod ghal kollox abbusiv u dan huwa car meta l-Ewwel Qorti sostniet korrettement li *“l-ewwel eccezzjoni dwar il-kwistjoni tal-legittimu kontradittur, il-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) sentenza taghha moghtija fit-12 ta’ Dicembru 2007 (ara fol 226 et seq ibid) di gja kkonsiderat dan il-punt fir-’ratio decidenti’ Taghha (ara fol 231 sa fol 233 tal-istess atti). Tenut kont li ma ingiebet ebda prova ulterjuri, wara l-ghoti tal-istess sentenza u quddiem din il-Qorti, dwar l-istess punt in desamina, l-konklusjoni ghandha tkun illi l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici ghandu jithallas mill-konvenut ‘proprio’ u mhux f’isem is-socjeta` msemmija*

*mill-konvenut.* B'hekk dan l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tieni aggravju, jekk dan jista' jissejjah hekk, dan lanqas biss jiftiehem u ghalhekk certament li bil-mod formulat qatt ma jista jigi milqugh ghaliex ma ghandu sens ta' xejn, wisq inqas xi sinifikat legali. Jekk ghall-grazzja tal-argument jikkonsidra dan l-appell bhala li ma jaqbilx mad-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti li cahdet l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni abbazi tal-**artikolu 2148 (a) u (b) tal-Kap. 16.** Izda dwar dan jinghad li ghal dan il-kaz gie deciz sew li l-**artikolu 2148 (a)** ma huwiex applikabbli ghall-kaz *de quo* ghaliex is-socjeta' attrici ma hijiex wahda mill-persuni ndikati fl-istess artikolu **("C. Stivala Ltd. vs Salvatore Cassar et"** (P.A. – 20 ta' Jannar 2004), mentri dwar it-tieni artikolu ta' preskrizzjoni eccepit, jirrizulta li l-bejgh in kwistjoni sar bl-ingrossa u allura mhux applikabbli ghal dan il-kaz l-**artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 ("Adrian Strickland vs Anthony Sammut"** – K. – 20 ta' Gunju 1975); **("Carmelo Scerri vs Louis Pace Axiaq"** – A.I.C. – 25 ta' Gunju 1975); **"Langdale Limited vs Jon David Limited"** (A.I.C. (PS) – 3 ta' Novembru 2004).

Illi din il-Qorti ezaminat dan it-tieni aggravju biss fid-dawl ta' dak li inghad dwar l-istess mis-socjeta' appellata, ghaliex fil-verita' l-aggravju kif propost ma jaghmilx sens u wisq inqas ingab xi argument li jista' jmur kontra dak deciz fl-Ewwel Istanza.

Illi din il-Qorti thoss li fil-fatt dan l-appell huwa fieragh u vessatorju u ghalhekk qed tikkundanna l-appellant sabiex ihallas l-ispejjez doppji ghal dan l-appell u dan abbazi tal-**artikolu 223 (4) tal-Kap. 12.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tas-socjeta' appellata datata 23 ta' Gunju 2011 in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti fir-rikors tal-appell tieghu datat 8 ta' Gunju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt**

**ghar-ragunijiet hawn decizi, u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet "Bonalco Aluminium Limited vs John Peresso" (Avviz Nru. 461/03/JAB) datata 16 ta' Mejju 2011 ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, u minhabba dak hawn deciz tiddeciedi wkoll li l-appell intavolat huwa addirittura fieragh u vessatorju u ghalhekk tikkundanna lill-appellanti jhallas l-ispejjez doppji skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 223 (4) tal-Kap. 12.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-appellant li gie ikkundannat ihallas l-istess doppji skond l-artikolu 223 (4) tal-Kap. 12.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------